MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 93/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. T. Micallef)**

**Vs**
**Kristof Scicluna**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-2 ta' Novembru, 2008, ghall-habta ta' 4.00 a.m. gewwa Dragonara Road, San Giljan,
1. ingurja jew hedded lill-SM 45, persuna nkarigata minn servizz pubbliku, waqt li kienet taghmel jew minhabba li tkun ghamlet dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
2. qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti;
3. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Marzu, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 338(bb), 342, 338(dd) u 17(c) tal-Kap. 9, sabet lill-appellant mhux hati ta’ l-ewwel imputazzjoni w illiberatu minnha filwaqt li sabitu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra w ikkundannatu ghall-detenzjoni ghall-perjodu ta’ tlett (3) ijiem ghal kull wahda minn dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta’ Marzu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w timmodifika s-sentenza appellata fis-sens illi fl-ewwel lok tikkonfermaha in kwantu ma nstabx hati ta’ l-ewwel akkuza dedotta kontra tieghu, w fit-tieni lok, kwantu ghat-tieni w it-tielet akkuza, thassaraha w tirrevokaha w dan billi tillibera lill-appellant minn kull piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li mix-xiehda
prodotta ma giex pruvat li l-appellant qal kliem oxxen u indecenti w ghalhekk
din l-imputazzjoni mhux pruvata. Kwantu ghat-tielet akkuza, hawn si tratta ta'
post fejn kien hemm diversi nies u fejn kien hemm storbju w l-kommozzjoni li
inqalghet minnhabba dan l-incident partikolari ma setghetx kisret il-bon
ordni tal-pubbliku bl-ghajjat u glied meta glied ma sarx. Fuq kollox il-piena
inflitta hija ampjament esagerata, ghalkemm setghet tinghata skond il-ligi.
F' dan il-kaz ma kienux jezistu l-estremi tad-detenzjoni.

Semghet ix-xiehda ta' PC 691 Juan Mula.

L-appellant ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti w konsegwentement ma
setax jixhed f' dan l-istadju tal-appell.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Li mix-xhieda ta’ PC 691 Juan Mula jirrizulta illi fit-2 ta’ Novembru, 2008 go
Dragonara Road, San Giljan, waqt li huwa kien duty, ra s-securities ta’
stabbiliment ta’ Paceville johorgu barra persuna w dan kien qed jilletika
maghhom. Hu mar fuq din il-persuna li hu qal li kien qed jgharafha bhala l-appellant
u flimkien mas-Surgent Maggur 45 Bartolo, li ghalkemm kienet pajzana dak
il-hin, uriet il-karta tal-identita’ taghha ta’ Pulizija lill-appellant. Hin minnhom
sema’ lill-appellant jghid lis-Surgent Maggur 45 Bartolo “Inti l-45? Inpattihilek.
Insiblek it-tfal” u qal ukoll kliem bhal “ghala z….. mill-uniformi taghkom”.
Umbaghad gie Surgent iehor tal-Pulizija li baqa’ mall-appellant u mas-Surgent
Maggur Bartolo w ix-xhud dahal ikompli fid-doveri tieghu ma’ lis-Sky Club.
L-appellant kien qieghed jghajjat barra t-triq fi Dragona Road waqt l-incident kollu.

L-appellant ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti w ghalhekk din il-Qorti m' ghandhiex
provi quddiemha li jikkontrastaw mad-depozizzjoni ta’ PC Mula li din il-Qorti m'ghandhiex
raguni ghala ma taccettax bhala veritjiera. Ghalhekk it-tieni imputazzjoni tirrizulta pruvata.

Li ghar-rigward tat-tielet imputazzjoni, r-reat kontemplat fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali
li fuqu hija msejjsa t-tielet imputazzjoni javvera ruhu meta jkun hemm dak li fil-*"common law"*

Ingliza kien jissejjah "*a breach of the peace"* u bhala regola jkun hemm il-kontravvenzjoni
kontemplata f' dan l-artikolu meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nnifsu jew
minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-eghmil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib
f' mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna
jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta'; kemm b' rizultat dirett ta' dak l-eghmil jew minnhabba
l-possibilita' ta' rejazzjoni ghal dak l-eghmil. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Alfred Pisani"**
[5.5.1995] u ohrajn)

Ghalhekk hawn l-element tal-ksur tal-buon ordni ma jitkejjilx *"in terms of decibells"*
b' paragum mal-*"ambient noise"* kif donnu qed jargumenta l-appellant imma mill-apprensjoni
ta' perikolu ta' inkwiet jew glied mill-atteggjament ta' dak li jkun.

Din il-Qorti hija altru milli sodisfatta li f' dan il-kaz dan l-element jirrizulta ampjament u
ghalhekk anki t-tielet imputazzjoni tirrizulta pruvata sodisfacentement.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-aggravju dwar il-piena eccessiva, l-principju regolatur hu li l-Qorti tal-appell ma tvarjax il-piena jekk din tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva ghall-kaz in ezami.

Certament li f' dan l-kaz il-piena ta' sitt ijiem detenzjoni tidhol sew fil-parametri tal-ligi fejn il-piena massima hi addiritura dik ta' xaharejn detenzjoni ghal kull kontravvenzjoni skond l-artikolu 341 tal-Kodici Kriminali, s'intendi, bl-applikazzjoni tar-regola tal-konkors tal-pieni applikabbli fl-artikolu 17 (c), fejn si tratta ta' pieni restrittivi tal-liberta', b' mod li l-pieni mehuda flimkien ma jistghux jeccedu t-tlitt xhur detenzjoni.

F' dan il-kaz, ladarba ma rrizultax dagha, l-piena massima kumulattiva tkun proprju wahda ta' tlitt xhur detenzjoni.

Din il-Qorti qieset il-fedina penali aggornata tal-appellant li minnha jidher li kellu diga' tlitt kundanni minn dawn il-Qrati w wahda minnhom kienet proprju dwar glied u storbju.

Fic-cirkostanzi ghalhekk tara li m'hemmx lok ghall-ebda riduzzjoni fil-piena w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------